**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Joseph Bajada**

Numru: 37/2019

Illum 21 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Joseph Bajada,** iben Anthony u Mary Jane xebba Azzopardi, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar id-9 ta' Marzu 1974, residenti fil-fond Joseph, Triq taċ-Ċanga, Xewkija, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 7474G, akkużat talli fit-28 ta' Ġunju 2019, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), ġewwa l-inħawi ta' Għajn Lukin, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. Waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Kubota bin-numru ta' reġistrazzjoni BCM994, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, iżda bil-ħsieb li jikkaġuna ġriehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marie Lourdes Borg, K.I. 691G, u fuq il-persuna ta' Antoine Attard, K.I. 14386G, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, saq vettura bil-mutur tal-għamla Kubota bin-numru ta' reġistrazzjoni BCM994, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, inġurja jew hedded lil Salvinu Parnis, K.I. 36462G, b'inġurji jew theddid mhux

imsemmijin band'ohra f'dan il-kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mill-Maġistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri LL.D. fid-digriet tagħha ta' nhar it-28 ta' Novembru 2018 u digriet/i sussegwenti mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D., li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur tal-Artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u cioe' ta' Antoine Attard, Marie Lourdes Borg u Salvinu Parnis, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai terminu tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Joseph Bajada, a benefiċċju ta' Antoine Attard, Marie Lourdes Borg u Salvinu Parnis, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll illi sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja tal-

imputat għal dak iż-żmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq, u dan skont l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Joseph Bajada, kif ukoll tordna s-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 235) datata 16 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Joseph Bajada biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) fl-Artikoli 41(1)(a); 214; 215; 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(4) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(5) fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(6) fl-Artikolu 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(7) fl-Artikoli 17; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B; 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Diċembru 2020 (*a fol.* 237), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Diċembru 2020, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi, waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2021, il-Qorti kkonċediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fit-8 ta' Frar 2021;

Rat illi d-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fid-9 ta' Frar 2021;

Rat illi l-parte civile ma ppreżentatx is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub għalkemm ingħatat il-fakulta' li taghmel dan;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Din il-kawża nstemghet flimkien ma' dik fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Antoine Attard et**. liema sentenza se tingħata llum flimkien ma' din il-kawża.

**<u>Il-Fatti tal-każ</u>**

Dan il-każ kellu l-bidu tiegħu b'rapport li daħal ġewwa l-Għassa tar-Rabat, Għawdex, nhar it-28 ta' Ġunju 2019 għall-ħabta tas-18:15hrs, fejn intalbet l-assistenza tal-Pulizija wara li kien inqala' argument bejn xi nies li għandhom l-għelieqi ġewwa Għajn Lukin, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex.

Il-Pulizija marru fuq il-post fejn minn stħarrig preliminari rriżulta li kien inqala argument bejn Antoine Attard, Mary Lourdes Borg, Victor Attard u James Borg fuq naħa waħda, u Joseph Bajada fuq naħa oħra. Il-familja Attard allegaw li Joseph Bajada niżel f'daqqa waħda bit-tractor tiegħu għal ġol-proprjeta' tagħhom u li saq għal fuqhom.

Partikolarment Mary Lourdes Borg allegat li Joseph Bajda prova jweġġagħha u jpoġġilha ħajjitha fil-periklu għax saq għal fuqha u għal fuq ħuha Antoine Attard, fejn din pruvat tevitah u baqa' jsuq u jikser għal fuqha bit-tractor, li rriżulta li huwa tal-għamla Kubota bin-numru ta' reġistrazzjoni BCM994.

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li m'humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.**

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Il-verita' storika</u>**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport

tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jittresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta,

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed

[4] ibid.

[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo**

**Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita' (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, għalhekk, li nghad mill-Qrati Inglizi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diġa' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni jkun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu*

*awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[7]

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat u jekk tali akkużi rriżultawx ippruvati.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu tnejn u għoxrin (22) xhud:

PS 698 Shaun Tabone (a fol. 27 et seq.), Spettur Josef Gauci (a fol. 40 et seq.), Marie Lourdes Borg (a fol. 50 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 61 et seq.), Antoine Attard (a fol. 88 et seq.), PC 1115 John Mary Attard (a fol. 92), Salvinu Parnis (a fol. 93 et seq.), PC 774 Anthony Calleja (a fol. 101), Saviour Farrugia (a fol. 121), PC 556 Jonathan Spiteri (a fol. 123 et seq.), Karen Bajada (a fol. 125 et seq.), Etienne Bajada (a fol. 130 et seq.), PS 552 Matthew Grech (a fol. 134), PC 1365 Chris Formosa (a fol. 135 et seq.), James Borg (a fol. 137 et seq.), Victor Attard (a fol. 142 et seq.), James

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

Borg (a fol. 156 et seq.), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 164), Rose Attard (a fol. 171 et seq), Tony Mercieca (a fol. 177 et seq.), Spettur Josef Gauci (a fol. 209) u l-Ispettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 218).

**Il-Provi**

Ix-xhud **Marie Lourdes Borg**[8] spjegat li l-inċident ġara lejliet l-Imnarja, fit-28 ta' Ġunju 2019 ġewwa Għajn Lukin, fil-limiti tax-Xagħra, għall-ħabta tas-sitta u sitta u kwart ta' filgħaxija.

Hija xehdet li Salvu Parnis li kien qiegħed hemm dakinhar, qalilha '*ersaq, ersaq ghax gej tractor fuqek*', u li bil-fixla hija daret u sabitu eżatt magħha. It-tractor kien misjuq mill-imputat Joseph Bajada.

Hija xehdet:

> *"Jien infxilt, ma kontx naf x'se naqbad naghmel, bdejt miexja lura u nsabbat fuq it-tractor, u nghajjat li qed itajjarni, li qed jipprova jtajjarni, "qed tipprova ittajjarni" kelli l-mobile f'idi dak il-hin u ghamiltlu wahda hekk b'idi biex nghidlu "Qed niffilmjak", pero' ma kontx qed niffilmjah, u hu xorta baqa' jsuq fuqi u jidhak. F'daqqa wahda waqqaf it-tractor u qala' c-cavetta minn mat-tractor u harab jigri 'l fuq. Xhin dort insib lir-ragel tieghi u lil missieri, ovvjament telghin b'paniku kbir fuqhom ghax ovvjament kien hemm persuna qed tipprova ittajjarni. Minn hemmek inholqot konfuzjoni shiha, jigifieri*

[8] a fol. 50-55

*missieri u r-ragel tieghi u hija jghajjtu mieghu ovvjament li prova jtajjar lili, missieri beda jghidlu "pruvajt ittajjar it-tifla! Pruvajt ittajjar it-tifla!" U r-ragel tieghi beda jghidlu "int pruvajt ittajjar lil mara tieghi!" Inholqot konfuzjoni shiha. Jiena sadanittant bdejt nipprova ncempel l-ghassa, pero' kont qed nsibu engage. Eventwalment irnexxieli naqbdu u kienu gia' jafu l-Pulizija fejn iridu jigu."*

Ix-xhud spjegat li:

*"Mela, hu kif dort jiena sibtu ezatt fuqi jhares lejja b'certu determinazzjoni li jibqa' ghaddej fuqi. U jigifieri kien qed jarana car ghax ma kien hemm l-ebda ostaklu quddiemu; kien carissimu; kien jaf x'inhu jaghmel u kien jaf li jrid jigi ghal fuqna, ghal fuqi u ghal hija, u hija prova, irnexxilu mbaghad johrog".*

[…]

*Antoine Attard irnexxielu jersaq minn wara t-tractor u xhin rah jibqa' jibqa' jibqa' jibqa' jsuq fuqi, qisu beda jipprova jtellaghlu l-handbrake imbaghad".*

[…]

*"Mela hu – ha nispjega car x'gara, sewwa? Hu hareg mill-gate tieghu, minn nizla tieghu li taqbez minn fuq xi hadd iehor, imbaghad tigi fil-moghdija li hija taghna, taz-ziju tieghi, u minn hemmek baqa' jsuqm*

*jigifieri jiena xhin dort sibtu ezatt mieghi, u kif dort bdejt insabbat fuq it-tractor tieghu u nghajjat li qed jipprova jtajjarni".*

Ix-xhud tgħid li t-tractor kien għaddej b'veloċita' kbira.

Ix-xhud **Antoine Attard**[9] ta dawn id-dettalji dwar l-inċident:

*"...u qieghdin hemmek inparlaw jien u ohti, u f'hin minnhom nara tractor gew armajn warajja hekk, u jien dort hekk u ngbidt ghal genb u ohti spiccat quddiemu. U hu baqa' niezel, jigifieri dan it-tractor kien gej .... u din ohti spiccat quddiem it-tractor, bdiet tghajjat 'Ha ttajjarni! Ha ttajjarni!'. Jien bdejt nipprova nwaqqafulu jew nitfihulu jew xi haga .... It-tractor kien qed isuqu Joseph Bajada".*
*[…]*

*"Jien kont qed inhares l-isfel, dahri ghall-gate ta' Joseph Bajada u bl-istorbju tal-magna l-kbira u dak jien nisma' xi haga qisha tahdem, magna tahdem warajja u kif harist hekk narah armajn maghna ... kien qed isuq ghal fuq direzzjoni taghna eh. U dan jigifieri qasam minn gol-ghalqa tieghu, ried jaqsam minn fuq ghalqa ta' haddiehor imbaghad jigi go taghna.... imma kien ghaddej b'velocita' eh."*

Ix-xhud espert tekniku **Jonathan Mizzi**[10] li eżamina l-filmati jgħid li ma ra lill-ħadd jipprova jtajjar lil ħadd u dan x'jirriżultalu mill-filmati analizzati.

[9] a fol. 88-91
[10] a fol 62

Ix-xhud **Salvinu Parnis**[11] xehed li malli raw lil Bajada nieżel mill-mogħdija, ta' Attard ċemplu lill-pulizija. Parnis jgħid li kull ma ra huwa lil Bajada jinżel mit-tractor u jitlaq 'il fuq u ma ra l-ebda movimenti li wettaq Antoine Attard biex iwaqqaf it-tractor. Huwa kkonferma li Joseph Bajada kien għamillu sinjal b'idu m'għonqu li interpretah bħala ta' theddida.

Xehed ukoll **Tony Mercieca**[12] fejn qal li Joseph Bajada saq għal fuq Marie Lourdes Borg u Antoine Attard, kif ukoll għaraf lill-imputat li kien qed isuq it-tractor.

Ir-rappreżentant ta' Transport Malta, **Saviour Farrugia**[13], esebixxa log book tal-vettura BCM994, fejn jikkonferma li l-vettura u cioe' tractor involut f'dan l-inċident huwa rreġistrat fuq l-imputat Joseph Bajada.

Kien esebit id-digriet[14] tal-liberta' proviżorja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri LL.D. datat 28 ta' Novembru 2018, fejn l-imputat fost kundizzjonijiet oħra, kien marbut bil-kundizzjoni numru 8 li ma jagħmilx reat ieħor ta' natura volontarja.

[11] A fol 93 sa 98
[12] a fol. 178
[13] a fol. 121
[14] a fol. 170

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUŻI**

**L-ewwel imputazzjoni**
**Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 218 tal-Kap 9 – Attentat ta' ferita gravi**

**L-intenzjoni**

Il-liġi tagħna fl-omiċidju volontarju l-intenzjoni mhux trid tkun bilfors dik ta' qtil, l-animus necandi. Hu biżżejjed jekk l-intenzjoni kienet li jpoġġi l-ħajja ta' dak li jkun f'periklu ċar. Meta l-intenzjoni hi li toqtol allura hija intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hija li tpoġġi l-ħajja f'periklu ċar dik hija intenzjoni pożittiva indiretta.

Il-liġi tagħna kif qal Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu fuq il-Kodiċi Kriminali ***"has considered that from the point of view of wickedness, having regard to the consequences ensuring, there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensure or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill".***

Skont id-dottrina tal-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien sempliċement konsegwenza possibli tal-actus reus liema event jew ma kienx previst jew kien previst iżda mhux mixtieq. Jekk tali event kien

previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ pożittiva. Jekk mill-banda l-oħra l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjaħ negattiva.

Din hi d-dottrina in materja ta' intenzjoni fid-dritt penali. L-intenzjoni diretta kif ukoll dik pożittiva indiretta in materja ta' omiċidju jwassal għal _dolus_ mentri l-intenzjoni indiretta negattiva tammonta għal negligenza jew għal _casus_.

Huwa veru li wieħed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll miċ-ċirkostanzi anteċedenti, konkomitanti u sussegwenti għall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soġġettiva – jiġifieri x'kellu f'moħħu l-aġent (l-akkużat) fil-mument li għamel l-att – u mhux sempliċement kwistjoni oġġettiva ta' x'missu antiċipa jew x'kienet tantiċipa l-persuna ta' intelligenzja ordinarja.

Gerard Gordon fil-ktieb The Criminal Law of Scotland[15]

> **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law**

[15] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978

**should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence.**

**It-tentattiv**

Il-liġi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

**"Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dana il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu ghall-eżekuzzjoni tad-delitt, jeħel meta jinsab ħati .... jekk id-delitt ma jkunx ġie eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-dispożizzjoni tal-liġi, joħorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu t-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.

2. Bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt.
3.In-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volonta' tal-ħati.

Għalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tiġi manifestata permezz tal-hekk imsejħa atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni speċifika li jiġi kommess delitt, b'tali mod li ma tħalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jiġi ikkontemplat.

Madankollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u waħedhom ma jistgħu qatt iwasslu għat-tentattiv u għalhekk għal xi ħtija fil-kamp penali, jekk il-ħati ma jkunx ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt.

Kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:

> ***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

Il-Professur Mamo, isostni u dan fid-dawl ta' dak li jgħidu diversi ġurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

L-aħħar element legali li jsawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volonta' tal-ħati. Illi għalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta din l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jiġix ikkunsmat. Iżda jista' jissussisti wkoll it-tentattiv tar-reat jekk il-ħati jieqaf minn jeddu u f'dan il-każ huwa jkollu l-impunita' u jeħel il-piena għal dawk l-atti li jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.

Jghid il-Pofessur Mamo:

> **"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will ... The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."**

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, irid jiġi stabbilit jekk l-imputat jistax jinstab ħati tar-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi. Illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hi meħtiega l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara.

> **"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."** (ara sentenza Il-**Pulizija vs Emanuel Zammit** deċiża Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madankollu illi peress illi f'dan it-tip ta' reat, kif ġie sottolinjat huwa biżżejjed illi l-intenzjoni tkun waħda ġenerika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi.

Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn jghid:

> ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*** (Notes on Criminal Law),

iżda mbagħad iżid

> ***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."***

Illi ukoll f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-**Repubblika vs Domenic Briffa** deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ċċitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u kkonkludiet:

> *"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi*

*wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz."*

F'dan il-każ ma jidher li ġew ikkaġunati l-ebda ġrieħi la gravi u lanqas ħfief fuq Marie Lourdes Borg u lanqas fuq Antonie Attard. Ħadd minnhom ma xehed li kellhom ill-ħtiega li jmorru sptar jew għand tabib.

Waqt ix-xhieda ta' Borg il-Qorti stħajlitha qegħda tara xi film fuq Netflix, xhieda mimlija drama, thriller fil-veru sens tal-kelma, b'konklużjonijiet li waslet għalihom hi. Il-Qorti tfakkar ukoll lid-difiża li dak imniżżel fin-Noti ta' Sottomissjonijiet mhux prova, imma għandu jkun analiżi fuq dak li ħareġ f'dan il-proċess u mhux jingħataw dettalji li ma jirriżultawx f'dan il-proċess imma jistgħu jkunu dettalji fi proċessi oħra ċivili.

Il-Qorti qieset il-kredibilita' ta' kull min xehed fejn f'ħin minnhom jgħidu li raw kollox, imbagħad bħala eżempju fatt li ġie konfermat b'ritratt x'ħin Antoine Attard kixef il-warrani lejn Bajada jgħidu li ma raw xejn. Missier Antoine Attard jidher ma' ġenb ibnu Antoine. Allura l-Qorti kif tista' temmen li x-xhud kien qiegħed jgħid il-verita'?

Il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen il-verżjoni ta' dak allegat mill-parte civile li Antonie Attard tela' fuq it-tractor ta' Bajada mingħajr ebda problemi jew ġrieħi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Bajada tefa t-tractor tiegħu u niżel minnu meta ġie wiċċ imb wiċċ mal-*parte civile* u ħarab jiġri lejn il-proprjeta` tiegħu u dan jidher għaliex kien *out numbered* mill-familja Attard.

Din il-verżjoni ġiet mogħtija mill-imputat Bajada waqt l-istatement li ta lill-pulizija a *tempo vergine* li ngħatat viċin ħafna l-inċident.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**<u>L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluż</u>**

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabbilixxi li:

> *"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-leġislatur ma jagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluż. Allura jispetta lill-ġudikant li jagħti l-interpretazzjoni tiegħu u jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas tal-leġislatur.

Ta' għajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> ***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan*

*perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jiġi klassifikat bħala negliġenti, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deċiża fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deċiża fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

*".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika*

*ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza tagħha : **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

*"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod partikolari l-wirt li ħallielna dwar materji ta' traffiku l-Imħallef Joe Galea Debono u dan minħabba l-esperjenza twila li kellu bħala espert tat-traffiku qabel ma ssejjaħ biex iservi fil-Ġudikatura huma gwida għall-Qorti meta tkun qiegħda tiddelibera f'dawn il-każijiet. L-Imħallef Galea Debono fil-każ il-**Pulizija vs Luke Falzon**[16] deċiż fis-18 ta' Ottubru 2007 jelenka numru ta' deċiżjonijiet u t-tagħlim tagħhom:

Fil-każ **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) ġie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] intqal li "il-fatti – inkluzi l-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu *"presumptions of fact"*. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Speed jista' jiġi dedott mit-tul tal-*brake marks* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer"** Vol. XL. iv. p.1282).

Il-Qorti trid tanalizza l-fatti li rriżultaw f'dan il-każ u tara jekk dawn iwasslux għal htija dwar din l-imputazzjoni marbuta mat-traffiku fl-ispirtu tat-tagħlim li ħareg mill-Qrati tul is-snin li għaddew.

[16] Appell Kriminali Nru 287/07

Mix-xhieda li ngħatat jirriżulta li l-imputat Joseph Bajada kien għaddej bit-tractor tiegħu minn ġol-passaġġ, tractor li ma għandux xi saħħa partikolari li jista' jinstaq bi speed eċċessiv.

Mix-xhieda ta' **James Borg** [17]ir-raġel ta' Marie Lourdes Borg qal *"tractor ma kienx ghaddej sparat / Tractor hu xinu"* li hu differenti minn dak li xehdet Marie Lourdes Borg u Antoine Attard li kien nieżel b'veloċita'. It-tractor twaqqaf mix-xufier Bajada u mhux minħabba ċirkostanzi oħra.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Bajada ħareg mix-xatba li kienet il-bogħod minn fejn kienu l-parte civile u setgħu jarawh nieżel u jisimgħuh ġej u rawh mill-passaġġ ġol-mogħdija.

Il-Qorti minn dak li ħareġ waqt il-proċess ma tistax tifhem kif inħarġet din l-imputazzjoni skont l-Att dwar it-Traffiku.

**It-tielet imputazzjoni**
**Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9**

F'dawn il-proċeduri ma jirriżultax li l-imputat kien xurban. Ma sarx test tan-nifs u lanqas mill-isptar ma rriżulta li kien xurban. Lanqas inġabet prova li l-imputat għamel xi ġesti jew qal xi kliem oxxen waqt li kien xurban. U ghalhekk lanqas din l-imputazzjoni ma tirriżulta.

[17] A fol 158

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

**<u>Art 338 (dd) - Ksur tal-bon-ordni u paċi pubblika</u>**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkażjoni tfisser f'diversi sentenzi (ara, fost oħrajn, Il-**Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bħala regola jkun hemm il-kontravenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibbilta' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.

Għandu jingħad ukoll li għalkemm il-liġi tagħna tipprovdi għad-difiża tal-legittima difesa f'każ ta' aggressjoni diretta biex tikkaġuna offiża fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-każ tal-inġurja kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali (ara Il-**Pulizija v. Joe sive Joseph Vella** App. Krim. 7/12/95), fil-każ tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paċi pubblika l-liġi ma tipprovdi għal ebda difiża speċifika.

Fi kliem ieħor, wiehed irid jara fil-każ konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hu evidenti, per eżempju, li persuna li tiġi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruħha (mhux sempliċement tirritalja għal offiża fuq il-persuna li tkun diġa saritilha) neċessarjament ser taġixxi b'mod li tnissel f'moħħ persuna

oħra dak l-inkwiet jew tħassib aktar 'il fuq imsemmi. Pero' l-aġir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk iċ-ċirkostanzi, inevitabbli, u għalhekk ma jistax jammonta għal *breach of the peace*. L-istess ikun il-każ jekk persuna tinġurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wieħed jgħid li dik l-inġurja ma tammontax għal reat pero' l-fatt fih innifsu jammonta għal reat ieħor (taħt l-Art. 338(dd))[18].

L-Imħallef Joseph Galea Debono waqt li kien qiegħed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali sostna li: Ma hemmx għalfejn ikun hemm l-għajjat u l-ġlied flimkien biex tissussisti l-kontravenzjoni koperta bl-artiklu 338 (dd) tal-Kap.9[19]. Di fatti dan is-subinċiz (dd) jiddisponi li :-

> *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ."*

Minn dan jidher ċar li l-kliem tal-liġi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun ġej minn għajjat biss kif ukoll minn ġlied jew kollutazzjoni fiżika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni oħra. Mhux xi rekwiżit tassattiv li dawn iż-żewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok waħda jew l-oħra jew xi manifestazzjoni oħra esterna li twassal għad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

[18] **Pulizija vs Monica Polidano.** App. Krim. Imħallef Vincent Degaetano. 25 ta' Ġunju 2001
[19] **Pulizija vs Paul Pace**. App Krim Inf Imħallef Joe Galea Debono. 3 ta' April 2003

Illi kif ġie ritenut il-Qorti fl-Appell Kriminali" Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994]:

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil"* u *"dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iċċitat b'approvazzjoni lill-Imħallef Sir Adriano Dingli li fil-kawża "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

F'dan il-każ ma jirriżultawx l-ingredjenti meħtieġa biex tinstab ħtija għal din il-kontravenzjoni.

**<u>Il-Ħames imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (Inġurji u Theddid)</u>**

Bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravenzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camlleri** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:

> *"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo[20]' it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiċi, e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar** ingħad li: *"Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali."*[21]' Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta' tagħha jekk tkun kundizzjonata.[22]

---

[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995.
[21] Deċiża mill-Imħallef Dr. W. Harding fil-25 ta' Ġunju 1952.
[22] Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Buġeja tal-31 ta' Jannar 1949

Ingħad ukoll li minaċċja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jisħaq li: *" e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace'."*[23]

F'din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni rabtet l-akkuża fuq Salvinu Parnis biss. Is-sinjal li għamel Bajada seta' kien indirizzat lejn il-qraba Attard u mhux lejh. Kien ikun aktar għaqli li l-Prosekuzzjoni din l-imputazzjoni ma rabtitiex ma' persuna partikolari.

Salvinu Parnis jgħid li jaħfirlu jekk dak l-allegat sinjal kien indirizzat lejh.

**Is-sitt imputazzjoni**

**Artikoli 579 tal-Kap 9 - Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest**

Il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-każ li għalih kien hemm liberta' proviżorja kien deċiż fil-mori ta' din il-kawża fid-29 ta' Jannar 2020, ara li kieku din il-kawża kienet deċiża qabel kienet deċiża l-kawża l-oħra u llum tinstab ħtija, kieku din il-Qorti kienet tordna l-arrest tal-imputat u jkunu kkonfiskati d-depożitu u l-garanzija favur il-Gvern ta' Malta.

[23] Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre)

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minnhom.

Il-Qorti twissi lill-imputat li qatt m'għandu jieħu l-liġi b'idejh għax jippretendi li għandu xi dritt. Dan id-dritt jekk hemm kontestazzjoni dwaru jrid ikun deċiż ċivilment, u għandu jistenna sakemm ikun hemm deċizjoni li kultant tieħu fit-tul biex tingħata anke għax jiddependi mill-partijiet u min jirrappreżenthom b'kemm ħeffa jitmexxa l-proċess.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |